**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Lulju, 2017

Rikors Nru : 185/17AL

AB

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fid-disgha (9) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgha (2004) u dan skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala "Dokument A".
Illi l-partijiet ilhom separati sa mit-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) permezz ta' sentenza li nghatat mill-Qorti Civili Prim' Awla annessa bhala "Dokument B".

Illi ghalhekk il-partijiet ilhom aktar minn erbgha (4) snin separati.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-istess mizzewgin, u dan kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni mahlufa hawn annessa u mmarkata bhala “Dokument C”.

Illi m’hemm l-ebda arretrati ta’ manteniment dovuti.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex lil din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat nhar id-disgha (9) ta’ Lulju tas-sena elfejn u erbgha (2004);

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz taghha jiddikjara :

Illi huwa rcieva kopja tar-rikors numru 185/17AL fejn AB qeghda titlob lil din il-Qorti sabiex tippronunzja l-hall taz-zwieg tal-partijiet li gie ccelebrat nhar id-disgha (9) ta’ Lulju tas-sena elfejn u erbgha (2004) u sabiex tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Illi permezz ta’ digriet tat-30 ta’ Mejju 2017 huwa inghata ghoxrin jum ghar-risposta;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta’ Mejju, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' Settembru, 2012;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.